MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 162/2008

**JC Hydraulics Products Ltd., bin-numru ta' registrazzjoni (C11811).**

**vs**

**1. Abdilla Construct Ltd., bin-numru registrazzjoni (C11415).**
**2. Saviour Abdilla (ID1212145M).**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti JC Hydraulics Ltd (C11811) datat 15 ta' Frar 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi s-socjeta` rikorrenti fuq rikjseta tal-intimati, ipprovdiet makkinarju, ghamel xoghlijiet u pprestat is-servizzu

taghha lis-socjeta` intimata, billi saru modifikazzjonijiet minn *tractor* unit ghal trakk *tipper* bil-*crane*, u xoghlijiet ohra fost ohrajn inkluz installazzjoni ta’ *crane* gdid, fuq Trakk tal-Marka Leyland DAF proprjeta` tal-intimati li ghandu n-numru tar-registrazzjoni tac-*chassies* XLRTE 85 WCOE 405474 u dan versu l-prezz miftihem ta’ sebgha u erbghin elf, hames mija u wiehed u hamsin ewro u tnejn u tmenin centezmu €47,551. 82 VAT inkluz ossia (Lm20,414);

Illi l-intimati hallsu s-somma ta’ hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u sitta u tmenin centezmu €11,646.86 ossia (Lm5,000), u dan akkont tal-prezz miftihem (Dok.”A”).

Illi s-socjeta` rikorrenti ipprovdiet il-makkinarju, lestiet ix-xoghlijiet kollha miftihem sa April 2007, u dan *a piena* sodisfazzjon tal-intimati;

Illi *nonostante* weghdiet verbrali da parti tal-intimati li ser ihallsu l-bilanc dovut, huma baqghu inadempjenti. Mhux hekk biss, izda f’dan l-intervall kollu l-*crane* bl-accessorji tieghu kien u ghadu fil-*garage* tas-socjeta` rikorrenti cioe` fil-fond bl-isem ta’ Welcome Garage, f’Hope Street, Mosta u qed jokkupa spazju kbir bi pregudizzju u danni materjali ghall-istess socjeta` rikorrenti;

Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tal-imsemmi bilanc ta’ €35,915 ekwivalenti ghall-Lm15,414 kemm permezz tal-ittra legali datata 25 ta’ April 2007 u sussegwentement permezz tal-ittra legali datata 25 ta’ Dicembru 2007, u dan ukoll sabiex is-socjeta` intimata u l-intimat ikunu jistghu jigbru u jiehdu l-pussess tat-trakk hekk kif kien komplut bil-*crane* u ggaraxxjat fil-fond kummercjali tas-socjeta` rikorrenti, huma baqghu inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbu lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

a. Tiddikjara u tikkonferma, li l-intimati *in solidum* huma debituri fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta’ €35,915 VAT inkluz, ekwivalenti ghal Lm15,414

rigwardanti makkinarju nstallat, xoghlijiet u servizzi pprestati fit-trakk tal-marka Leyland Daf XLRTE 85 WCOE 405474;

b. Tordna u tikkundanna, lill-istess intimati *in solidum* ihallasu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €35,915 VAT inkluz, ekwivalenti ghal Lm15,414 kih inghad aktar 'l fuq;

c. Tiddikjara u tikkonferma ulterjorament, illi minhabba l-magazzinagg tal-imsemmi trakk fil-fond kummercjali tas-socjeta` rikorrenti, wara li gew iffinalizzat x-xoghlijiet minn April 2007 sallum, is-socjeta` rikorrenti sofriet danni konsistenti fl-okkupazzjoni indebita tal-imsemmi trakk fil-*garage* tas-socjeta` rikorrenti li minhabba tali okkupazzjoni parti minn dan il-*garage* ma setax sallum jintuza biex isiru xoghlijiet ta' klijenti ohrajn mas-socjeta` rikorrenti;

d. Konsegwentement, tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti minhabba l-agir jew in-nuqqas tieghu da parti tal-intimati u dan jekk ikun il-kaz permezz ta' periti nominandi.

e. Tikkundanna lill-intimati *in solidum* ihallsu tali danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll tal-ittra interpellatorja tal-25 ta' April 2007 u l-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru 2007 kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bl-imghaxijiet kummercjali mill-1 ta' Mejju 2007 fuq l-ammonti kollha dovuti.

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u hekk baqghu kontumaci ghaliex lanqas dehru ghall-kawza.

Semghet ix-xhieda ta' Joseph Camilleri u l-Perit Joseph Ellul Vincenti.

Semghet l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti.

Rat l-atti kollha pprezentati kif ukoll in-nota datata 25 ta' Frar 2009.

Ezaminat l-atti tar-rikors.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-intimati tiddeciedi billa tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat b'dan li ghall-fini tat-talba (d) tillikwida l-ammont ta' danni fl-ammont ta' hdax-il elf, disa' mija u tmienja u tmenin ewro (€11,988.00) u ghall-fini tat-talba (e) tikkundanna lill-intimati *in solidum* bejniethom ihallsu l-istess ammont ta' hdax-il elf, disa' mija u tmienja u tmenin ewro (€11,988.00) bhala danni hekk likwidati, bl-imghax kummercjali fuq l-ammont indikat fit-talbiet (a) u (b) mill-1 ta' Mejju 2007 sal-effettiv pagament, u fuq l-ammont indikat bl-ittri (d) u (e) mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-intimati

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------